

Brussell, 16 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15231/23

ESPACE 83
CFSP/PESC 1511
CSDP/PSDC 762
TRANS 491

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Thejġja tal-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) fis-7-8ta' Diċembru 2023</i> Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju: is-sitwazzjoni attwali" - <i>Approvazzjoni</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Użu ġust u sostenibbli tal-ispazju" thejġew bil-ħsieb tal-Kunsill Kompetittività li għandu jsir fit-8 ta' Diċembru 2023. Il-konklużjonijiet ifakkru fl-urġenza li jiġi żviluppat approċċ tal-UE għall-STM u jirrikonoxxu l-importanza li tiġi proposta leġislazzjoni tal-UE relatata mal-ispazju li tkopri aspetti ta' sikurezza, sigurtà u sostenibbiltà.
2. Il-Presidenza ressqet dan l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill sabiex tenfasizza l-kontribut konsiderevoli tal-ġestjoni tat-traffiku fl-ispazju għall-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-UE, inkluż il-Patt Ekoloġiku tal-UE u t-Trasformazzjoni Diġitali tal-UE, kif ukoll għall-aċċess awtonomu, sigur u kosteffiċjenti tal-Ewropa għall-ispazju.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispazju eżamina l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill f'erba' okkażjonijiet mit-3 ta' Lulju 2023 'l hawn.
4. It-test ippreżentat fl-Anness għal din in-Nota huwa identiku għat-test iċċirkolat wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispazju dwar dan is-suġġett fid-dokument 13656/23 REV3, li ma qajjem ebda kumment mid-delegazzjonijiet. Dan jirrappreżenta pakkett globalment ibbilanċjat li jista' jippermetti l-approvazzjoni tiegħu mill-Kunsill.

III. KONKLUŻJONI

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma t-test ta' kompromess li jinsab fl-Anness għal din in-Nota u jressaq l-abbozz ta' konklużjonijiet għall-approvazzjoni mill-Kunsill (Kompetittività) fis-sessjoni tiegħu fit-8 ta' Diċembru 2023.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju: is-sitwazzjoni attwali"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- A. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Orjentazzjonijiet dwar il-kontribut Ewropew fl-istabbiliment ta' prinċipji ewlenin għall-ekonomija spazjali globali" tal-11 ta' Novembru 2020¹, li jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' approċċ koordinat Ewropew akbar għall-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju;
- B. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Spazju Ġdid għall-Persuni" tal-21 ta' Mejju 2021², li saħqu fuq l-importanza tal-iżvilupp ta' approċċ għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju (STM) għall-Ewropa fil-futur u l-gwida ta' standards globali;
- C. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2021 dwar "L-ispazju għal kulħadd"³ u r-Rapport tal-Presidenza dwar l-STM⁴, li jirrikonoxxu l-importanza tal-komponent tal-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SSA), inkluż is-Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju (SST), fil-protezzjoni tal-infrastruttura eżistenti tal-ispazju, u li jenfasizzaw il-ħtieġa li titkompla d-diskussjoni dwar l-iżvilupp tal-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju fil-livell politiku, legali u dak tekniku u li tittieħed azzjoni dwaru;

¹ 12851/20.

² 8956/21.

³ 14307/21.

⁴ 13407/21 + COR1.

- D. fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-15 ta' Frar 2022⁵ tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni (RGħ) għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar "Approċċ tal-UE għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju – Kontribuzzjoni tal-UE li tindirizza sfida globali", li tipproponi pjan dettaljat biex jiġi żviluppat approċċ tal-UE għall-STM;
- E. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2022⁶ dwar "Approċċ tal-UE għall-ġestjoni tat-traffiku spazjali", li jirrikonoxxu l-isfidi strateġiċi, tal-kompetittività u tal-innovazzjoni involuti mill-STM;
- F. fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-"Istrateġija Spazjali tal-UE għas-sigurtà u d-difiża" (SSSD) tal-10 ta' Marzu 2023, li tirrikonoxxi l-ispazju bħala dominju strateġiku għas-sigurtà u d-difiża u tipproponi azzjonijiet speċifiċi biex issaħħaħ ir-rispons tal-UE għat-theddid spazjali fl-ispazju u minnu u mid-Dinja, tippromwovi mgħiba responsabbli fl-ispazju, ittejjeb ir-reżiljenza tal-infrastrutturi spazjali tal-UE, tiżviluppa kapaċitajiet spazjali b'appoġġ għas-Sigurtà u d-Difiża u trawwem sħubijiet;
- G. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2023⁷ dwar "Użu ġust u sostenibbli tal-ispazju", li jħeġġu lill-Kummissjoni tiżgura operazzjonijiet spazjali sikuri, siguri u sostenibbli u jistiednu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jstinkaw għall-implimentazzjoni globali tar-regoli u l-linji gwida li jistgħu jirriżultaw fużu ġust, sikur u sostenibbli tal-ispazju;
1. JIRRIKONOXXI l-urġenza li jiġi żviluppat approċċ tal-UE għall-STM, li ser jikkontribwixxi għas-sikurezza, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-ispazju; u JILQA' l-progress inizjali li sar dwar il-linji ta' azzjoni ewlenin definiti fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-RGħ għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar "Approċċ tal-UE għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju – Kontribuzzjoni tal-UE li tindirizza sfida globali";

⁵ 6321/22.

⁶ 10071/22.

⁷ 9675/23.

2. JILQA' l-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-"Istrateġija Spazjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża"; JINNOTA li din tipproponi proġett pilota li jesplora sinerġiji mas-subkomponent tal-SST tal-UE tal-Programm Spazjali għat-twassil ta' servizzi inizjali ta' Għarfien tad-Dominju Spazjali (SDA) b'appoġġ għar-rispons tal-UE għat-theddid spazjali; JISSOTTOLINJA li l-SDA jibqa' taħt il-kontroll tal-Istati Membri;
3. JIRRIKONOXXI l-importanza li jitqiesu r-rekwiżiti ċivili kif ukoll militari tal-STM, filwaqt li jiġi żgurat li l-aspetti tad-difiża u tas-sigurtà jingħataw kunsiderazzjoni xierqa; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA), u flimkien mal-Istati Membri, biex jaħdmu lejn dan l-objettiv fi ħdan il-mekkaniżmu stabbilit tal-partijiet ikkonċernati tal-STM, sabiex jiggarantixxu li l-approċċ tal-UE għall-STM jieħu kont tal-ħtiġijiet tal-atturi Ewropej kollha, u JENFASIZZA l-importanza tal-preservazzjoni tan-natura ċivili, l-objettivi politiċi u l-governanza tal-programmi spazjali tal-UE;
4. JIRRIKONOXXI l-partikolaritajiet ta' dominji oħra li jinteraġixxu mal-ispazju ekstrasferiku, b'mod partikolari l-ispazju tal-ajru, fejn jeħtieġ li jiġu żgurati l-interoperabbiltà u l-koordinazzjoni rigward l-interazzjoni tal-operazzjonijiet tal-ispazju u tal-ajru;
5. JENFASIZZA l-importanza li tissaħħaħ l-awtonomija strateġika Ewropea permezz tas-sistema tal-SST tal-UE filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa; JAPPOĠĠA l-attivitajiet tas-Sħubija tal-SST tal-UE, li jipprovdu analiżi tal-frammentazzjoni, analiżi tar-ritorn lejn l-atmosfera u servizzi għall-evitar ta' kolliżjonijiet permezz tal-Front Desk tal-SST tal-UE, li ħaditu f'idejha mingħajr xkiel l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali, minn Lulju 2023; JIPPROPONI li jiġi esplorat ir-rwol tal-Aġenzija rigward l-STM, filwaqt li jibni fuq l-attivitajiet tal-Front Desk tal-SST; JAPPELLA għall-iżvilupp ta' attivitajiet bi thejjiġja għal servizzi ta' mitigazzjoni u rimedju ta' residwi spazjali; JILQA' l-membri l-ġodda tas-Sħubija tal-SST tal-UE b'kapaċitajiet u assi nazzjonali addizzjonali; u JINKORAĠĠIXXI lil Stati Membri oħra biex jikkunsidraw jissieħbu;

6. JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikompli jtejbu aktar il-kapaċitajiet operazzjonali tal-SST tagħhom, permezz ta' żviluppi nazzjonali u s-Sħubija tal-SST tal-UE, biex b'hekk itejbu s-servizzi tal-UE; JENFASIZZA r-rilevanza tal-attivitajiet tal-industrija Ewropea fl-ottimizzazzjoni tan-network ta' sensuri, it-titjib tas-servizzi eżistenti tal-SST tal-UE, inkluż l-użu tal-katalgu Ewropew ta' oġġetti orbitali u l-użu ta' teknoloġiji ġodda; u f'dan ir-rigward JILQA' r-riċerka dwar sensuri tal-SST kummerċjali innovattivi u l-iżvilupp tagħhom, u l-iżvilupp ta' servizzi u data pubbliċi u kummerċjali ġodda;
7. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex timmassimizza s-sinerġiji bejn il-Fond Ewropew għad-Difiża, il-Programm Spazjali tal-UE u Orizzont Ewropa permezz tal-mekkaniżmi ta' ppjanar strateġiku tagħhom filwaqt li jżommu l-prijoritajiet u l-oġġettivi tal-programm tagħhom; JINKORAĠĠIXXI li jintuża approċċ teknoloġiku b'użu doppju, kull fejn xieraq u fattibbli, fil-Fond Ewropew għad-Difiża u l-Programm Spazjali tal-UE u li b'dan il-mod jingħata kontribut għall-STM u għall-oġġettivi tal-SSSD;
8. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) b'mod partikolari fir-riċerka u l-iżvilupp tat-temp spazjali, l-oġġetti qrib id-dinja, il-mitigazzjoni tar-residwi spazjali, u r-rimedju tar-residwi spazjali, filwaqt li jiġu rrispettati r-rwoli u r-responsabbiltajiet korrispondenti tal-Unjoni, tal-Istati Membri tagħha u tal-ESA u li tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn tal-isforzi;

9. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa, meta wieħed jipproċedi b'inizjattivi relatati mal-STM, li ma jipperikolax iżda pjuttost li titrawwem il-kompetittività globali tal-industrija spazjali Ewropea kollha, inkluż negozji ġodda, SMEs, midcaps, u integraturi ta' sistemi kbar; JIRRAKKOMANDA li jitrawwem djalogu mal-ekosistema industrijali Ewropea tal-ispazju bħala parti kkonċernata ewlenija fl-evoluzzjoni tal-STM, b'mod partikolari permezz tal-Forum tal-Unjoni Ewropea dwar l-Industrija u n-Negozji l-Ġodda dwar l-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju; u JFAKKAR li pożizzjoni konġunta jew koordinata b'saħħitha tal-UE fil-fora internazzjonali hija kruċjali biex jinkiseb settur industrijali spazjali Ewropew b'saħħtu u reżiljenti;
10. JILQA' r-rwol li kellha l-Kummissjoni fl-appoġġ lill-Istati Membri biex jikkoordinaw l-isforzi nazzjonali bil-ħsieb li jkun hemm konverġenza dwar l-aspetti regolatorji tal-STM tal-UE bil-għan li tgħin biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern; JIRRIKONOXXI l-ħidma li saret mill-partijiet ikkonċernati tal-STM fl-iżvilupp u l-promozzjoni ta' standards u linji gwida ġodda fil-livell tal-UE u dak internazzjonali; u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni, wara kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex tipproponi miżuri ta' inċentivi potenzjali biex tinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' strumenti mhux legalment vinkolanti żviluppati fil-livell nazzjonali jew internazzjonali, li għandhom jgħinu biex titrawwem il-kompetittività tal-industrija spazjali Ewropea;
11. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex taħdem flimkien mal-Istati Membri u fi djalogu mill-qrib mas-SEAE dwar it-tishiġ tas-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju fl-UE; u JIRRIKONOXXI l-inizjattiva li tiġi proposta leġiżlazzjoni tal-UE relatata mal-ispazju, li tkopri aspetti ta' sikurezza, sigurtà u sostenibbiltà, li għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, li tiżgura trattament ugwali u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-industrija Ewropea kollha, filwaqt li tirispetta l-kompetenzi nazzjonali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà u tiegħu kont tal-ħtiġijiet speċifiċi tas-sigurtà u d-difiża fejn rilevanti;

12. IHEĠĠĠĠ lill-Kummissjoni biex tippreżenta r-riżultati tal-analiżi tal-elementi u l-implikazzjonijiet legali tad-dikjarazzjoni mill-UE tal-aċċettazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont it-Trattati u l-Konvenzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ispazju Ekstratmosferiku u fejn adatt, tħejji proposta dwar dan is-suġġett malajr kemm jista' jkun; u JINKORAĠĠIXXI lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex ikomplu jippromwovu l-kondiviżjoni internazzjonali tal-piżijiet biex jindirizzaw l-isfida globali tal-STM permezz ta' kontributi reġjonali, filwaqt li jinvolvu ruħhom b'mod partikolari mal-Istati Uniti fil-qafas tad-Djalogu Spazjali bejn l-UE u l-Istati Uniti kif ukoll ma' pajjiżi terzi oħra permezz ta' kooperazzjoni bilaterali u multilaterali;
13. IFAKKAR fl-importanza li titħeġġeġ l-implimentazzjoni tal-21 linja gwida volontarji għas-Sostenibbiltà fit-Tul (LTS) tal-Attivitajiet fl-Ispazju Ekstratmosferiku; u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jippromwovu l-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida jew l-iżvilupp ta' linji gwida ġodda kif adatt fil-qafas ta' COPUOS;
14. JENFASIZZA l-kontribut sinifikanti tal-STM għall-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-UE, inkluż il-Patt Ekoloġiku tal-UE, it-Trasformazzjoni Diġitali tal-UE, in-nondipendenza teknoloġika tal-UE, l-aċċess awtonomu, sigur u kosteffiċjenti tal-Ewropa għall-ispazju, l-użu sikur u sostenibbli tal-ispazju, u s-sigurtà u r-reżiljenza; IFAKKAR li l-Boxxla Strateġika identifikat l-ispazju ekstratmosferiku bħala dominju kkontestat; u JIRRIKONOXXI li l-ekonomiji, is-soċjetajiet u l-atturi pubbliċi tagħna huma dejjem aktar dipendenti fuq l-infrastrutturi u s-servizzi spazjali, u li l-ispazju huwa faċilitatur ewlieni għas-sigurtà u d-difiża, u JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi ppreservat użu u esplorazzjoni sikuri, paċifiċi u sostenibbli tal-ambjent spazjali għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.